Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 137/2017

**Maurice Borg (KI 732740M), Vivienne Ellul (KI 375538M)**
**George Borg (KI 718539M), Dennis Borg (KI 1080245M)**
**Margaret Ellul (KI 259348M), Antida Portelli (KI 101250M)**
**Albert Borg (KI 699552M), Martin Borg (KI 595658M)**

**Vs**

**Robert Spiteri (KI 0695148M)**

18 ta' Ġunju, 2018.

1. Permezz ta' Rikors ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-11 t' Ottubru 2017 ir-rikorrenti ppremettew illi huma komproprjetarji tal-*flat* numru tnax (12) fil-livell *third floor* fi blokk bl-isem *Ashton Court*, Triq Patri Feliċ Sammut, f' San Pawl il-Baħar, liema proprjetà ddevolviet għandhom parti b' wirt mingħand oħthom Mary Carmela Fenech u parti b' donazzjoni mingħand ommhom Josephine Borg. Ippremettew ukoll li dan il-fond kien qiegħed jiġi mikri għal xi żmien minn Mary Carmela Fenech lill-intimat Robert Spiteri li wara l-mewt tagħha beda jħallashom l-ammont ta' mitejn u sitta u ħamsin Ewro (€256) fix-xahar iżda l-pagamenti bdew isiru fuq bażi rregolari mmens. Jgħidu li peress li l-kirja kienet tiġi mġedda min xahar għal xahar, il-kirja *de quo* ġiet awtomatikament terminata u sal-preżentata tal-kawża l-kirja tammonta għal €11,008. L-intimat ġie ukoll interpellat għall-ħlas inkluż b' ittra reġistrata u biex jiżgombra mill-fond permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 1873/2017 iżda baqa inadempjenti. Talbu għalhekk lill-Bord sabiex:

> *'1. Jiddikjara li l-kirja tal-fond ossia flat bin-numru uffiċjali tnax (12), fil-livell ta' third floor, formanti parti minn blokk ta' tnax (12)-il flat u għaxar (10) garages sottostanti, "Ashton Court" bla numru, fi Triq Patri Felic Sammut, f' San Pawl Il-Baħar lill-intimat hija terminata;*

*2. Jawtorizza għaldaqstant lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond numru 12, ġewwa "Ashton Court" bla numru, fi Triq Patri Felic Sammut, f' San Pawl il-Baħar;*

*3. Jordna l-konsegwenzjali iżgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond, u dana fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jistabbilixxi dan il-Bord;*

*4. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti versu s-somma ta' ħdax-il elf u tmien Ewro (€11,008), jew ammonti oħra verjuri, rappreżentanti ħlasijlet ta' kera li ma ġewx onorati mill-intimat;*

*5. Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-istess ammont ta' ħdax il-elf u tmien ewro (€11,008), jew ammonti oħra verjuri li jiġu stabbilti mill-Bord, lill-esponenti.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi skont il-liġi, u b' riżerva għal kwalsiasi dritt ulterjuri (inkluż għal ħlas ta' ammonti ulterjuri) spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.'*

2. L-intimat ġie notifikat bir-rikors promutur u l-avviż ta' smigħ fis-26 ta' Ottubru 2017 iżda la ppreżenta risposta u lanqas deher għall-ewwel udjenza tal-15 ta' Diċembru 2017 quddiem il-Bord. Fl-imsemmija udjenza wieħed mir-rikorrenti, Maurice Borg ikkonferma t-talba li hemm fir-rikors u li ma sar l-ebda pagament ta' kera minn mindu saret il-kawża. Ir-rikorrenti konsegwentement iddikjaraw li m' għandhomx provi aktar xi jressqu. Il-Bord ta żmien ta' 21 jum sabiex l-intimat jippreżenta nota ta' osservazzjonijiet u vverbalizza li wara tali terminu l-każ jiġi deċiż. Madanakollu l-intimat ma ppreżenta l-ebda nota. Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2018 l-intimat reġa' ma deherx u l-kawża ġiet deċiża.

3. B' sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2018, il-Bord iddeċieda illi:

*'Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil dan il-Bord sabiex jiddikjara li l-kirja tal-fond de quo hija terminata, u konsegwentement l-intimat jiġi żgumbrat u inoltre li jikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas ħlasijiet ta' kera li huma jsostnu li ma ġewx onorati u infatti jelenkaw fis-sitt premessa x-xhur fejn l-intimat allegatament naqas li jħallas il-kera.*

*Dan il-Bord iqis li mill-provi prodotti r-rikorrenti ma jistghux jirnexxu fl-azzjoni tagħhom. Ir-rikorrenti filwaqt li ppreżentaw il-prova ta' kif dan il-fond iddevolva fuqhom naqsu fl-ewwel lok li jgibu prova ta' f' liema perjodu u żmien ġiet konċessa din il-kirja. Jingħad biss li għal xi żmien Mary Carmela Fenech, oħthom li mietet fit-18 ta' Marzu 2012, kienet kriet il-fond lill-intimat u qalu wkoll li wara l-mewt tagħha l-intimat suppost kellu jħallas l-ammont ta' €256 fix-xahar bħala kera. Lanqas jekk kienx hemm ftehim dwar it-terminu tal-kirja ma ġie indikat. Tali prova hija fil-fehma tal-Bord rekwiżit importanti għaliex ladarba l-istess rikorrenti qegħdin jibbażaw il-kawżali tagħhom fuq morożita' huwa relevanti meta l-kirja ġiet*

*konċessa. Altru li kienet kirja qabel is-sena 1995 u kwindi huma applikabbli ċertu regoli u altru ġiet konċessa wara. Huwa minnu li l-ammont ta' kera fix-xahar forsi jista' jagħti lok li wieħed isostni li huwa evidenti li din hija kirja li ġiet konċessa wara l-1995 iżda dan il-Bord ma jistax jassumi u jinkombi fuq ir-rikorrenti li jagħtu tali informazzjoni.*

*Inoltre' l-istess rikorrenti rreferew għall-ittra uffiċjali li intbgħatet lill-intimat fit-22 ta' Mejju 2017, li ġiet notifikata lilu, fejn huwa ġie interpellat jiżgombra mill-fond għaliex kien qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu sa minn Jannar 2014. Fil-kawża odjerna l-kawżali mhix ta' okkupazzjoni bla titolu iżda l-allegata morożita' li m'hemm l-ebda aċċenn għaliha fl-istess ittra uffiċjali. Oltre' dan ġiet ippreżentata ittra li ntbagħtet lill-istess intimat li ukoll ġiet riċevuta minnu fejn din id-darba qiegħed jintalab iħallas il-kirjiet li ma ħallasx u fiha qiegħed jinftiehem li l-kirja għadha viġenti. Jingħad fl-istess ittra li huwa ġie interpellat anki verbalment sabiex iħallas iżda ebda dettalji ta' kif u meta tali allegati interpellazzjoni seħħew ma jingħadx u ma ġiex spjegat lil dan il-Bord.*

*Irid jiġi rrilevat li għalkemm l-intimat ma deherx u ma ppreżentax risposta, jinkombi xorta waħda fuq ir-rikorrenti sabiex jippruvaw il-każ imressaq minnhom.*

*Għal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tagħhom.'*

4. Illi minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti. L-aggravji tagħhom huma illi:

   i. l-Bord kellu jilqa' t-talba fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat, ai termini tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

   ii. kien jispetta lill-intimat li jipprova li l-kirja kienet tmur lura għas-snin ta' qabel l-1995, u l-Bord ma kellux jagħti protezzjoni addizzjonali lill-intimat fin-nuqqas ta' prova ta' din ix-xorta;

   iii. ġialadarba l-Bord kellu dubju dwar punt legali ta' din ix-xorta, il-Bord kien messu uża l-poteri tiegħu sabiex jissolleċita l-produzzjoni tad-dokument, u kien messu wkoll ta l-opportunità lill-esponenti sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan il-punt;

   iv. inoltré, l-Bord ma ta ebda spjegazzjoni għaċ-ċaħda tat-tielet u r-raba' talba, u dan fil-fatt kellu jgħaddi biex jilqa' anké t-talbiet tar-rikorrenti relatati mal-ħlas tal-kirja ġialadarba ppruvaw li ma tħallsux u tali prova ma ġietx kontestata.

5. Flimkien mar-rikors tal-appell, ir-rikorrenti appellanti ppreżentaw ukoll kopja awtentikata ta' estratti mir-Reġistru Elettorali għas-snin 1998 sa 2005.

6. Permezz ta' risposta datata 5 ta' Marzu 2018, filwaqt li l-appellat oġġezzjona għall-preżentata ta' dokumenti f' dan l-istadju ta' reviżjoni, wieġeb illi l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata.

**Fatti fil-qosor.**

i. il-fond kien akkwistat minn Mary Carmela Fenech, oħt ir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Gatt tat-3 t' Awissu 1993;
ii. wara l-mewt ta' Mary Carmela Fenech fit-18 ta' Marzu 2012, l-fond iddevolva lir-rikorrenti, parti b' wirt u l-parti l-oħra donazzjoni mingħand ommhom;
iii. f'xi żmien Fenech kienet kriet il-fond lill-intimat;
iv. permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru, 2017 il-intimat gie nfurmat li kien hemm arretrati ta' kera f'ammont ta' iktar minn €10,000. Mill-kontenut il-qorti fehmet li r-rikorrenti kienu qegħdin jagħtuh l-aħħar ċans sabiex iħallas l-arretrati ta' kera.
v. permezz ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju, 2017, ir-rikorrenti sejħu lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond minħabba li allegaw li, *"inti ilek tokkupa mingħajr titolu minn Jannar 2014"*.
vi. fil-11 ta' Ottubru, 2017 ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża minħabba allegat morożita fil-ħlas tal-kera;
vii. mill-atti ma jirriżultax jekk il-kirja saritx qabel l-1995 jew wara. Kien biss fl-istadju tal-appell li r-rikorrenti qalu li l-kirja hi ta' wara l-1 ta' Ġunju, 1995 u mar-rikors tal-appell ippreżentaw estratti ta' Reġistri Elettorali biex juru li kien biss f'April, 2003 li isem l-appellat deher għall-ewwel darba bħala reġistrat fl-imsemmi fond. Prova li ġiet preżentata mingħajr ma ntalbet l-awtorizazzjoni ta' din il-qorti.
viii. għal xi raġuni l-intimat ma kkontestax il-kawża;
ix. l-uniku xhud li nstema' f'dan il-każ hu r-rikorrent Maurice Borg li sempliċiment qal: *"Iva nikkonferma t-talba li hemm fir-rikors"* u li *"Ma rċevejna l-ebda kera aktar"*, li xehed fl-uniku seduta fejn instemgħu provi (15.12.2017);
x. għas-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2017 attenda biss id-difensur tar-rikorrenti, u l-kawża ġiet deċiża fejn il-Bord ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

7. Illi permezz tal-ewwel aggravju sidien il-kera jikkontendu li l-Bord kellu jilqa' t-talba fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat, *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. L-appellat wieġeb illi għalkemm huwa kien waqa' kontumaċi dan ma jfissirx neċessarjament li l-Bord kellu jilqa' t-talbiet attriċi. Jikkontendi li minkejja d-dispost tal-artikolu 30 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord ma setgħax jilqa' t-talba tar-rikorrenti fl-assenza tad-debita prova da dak minnhom allegat;

9. L-artikolu 30 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *'Sid il-kera jew il-kerrej li jkun notifikat bir-rikors għandu jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu, sew bil-fomm jew bil-miktub, jekk ikollu, fis-smigħ tal-kawża. Iżda, huwa jista' jilqa' dak li jkun hemm fir-rikors billi jwieġeb b'kitba mressqa fir-Reġistru tal-Bord, ikun meta jkun qabel il-jum maqtugħ għas-smigħ tal-kawża.*
>
> ***Jekk fil-jum maqtugħ għas-smigħ tal-kawża ma jkun hemm ebda osservazzjoni b'kuntestazzjoni ta' dak li jkun hemm fir-rikors, il-Bord jilqa' t-talba.'***

10. L-artikolu 46 tal-istess Kap. 69 jipprovdi illi:

> *'(1) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din l-Ordinanza ma għandhomx ikunu japplikaw għall-kiri ta' xi fond li jsir fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data:*
>
> ***Iżda l-artikoli 16 sa 45 għandhom japplikaw ukoll għall-kirjiet kollha li jsiru wara l-1 ta' Ġunju, 1995**.'*

11. Il-proviso kienet introdotta permezz tal-Att X tal-2009. Għaldaqstant l-artikolu 30 tal-Kap. 69 japplika wkoll għal dawk il-kirjiet li saru wara l-1 ta' Ġunju, 1995. Qabel, dik id-diposizzjoni kienet tapplika fi żmien meta l-uniku kompetenza li kellu l-Bord kien li jawtorizza lil sid il-kera biex ma jġeddidx il-kera u jawtorizza tibdil ta' kondizzjonijiet tal-kirja.

12. Mad-daqqa ta' għajn jidher li bl-artikolu 30 il-Bord għandu jdejh marbutin. Pero' f'dan il-każ tressqu provi dokumentarji u xehed l-attur. Il-qorti ma tarax kif a bazi ta' dawk il-fatti l-Bord seta' jagħlaq għajnejh u jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti qiesu xejn mhu xejn. Dan meta tqies li l-provi li hemm huma li l-attur ġie msejjah ghal darba biss għal finijiet tal-artikolu 9 tal-Kap.

69 (jekk il-kirja hi ta' qabel l-1995)[1], u qatt ma ssejjaħ b'att ġudizzjarju għal finijiet tal-artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili (jekk il-kirja hi ta' wara l-1 ta' Ġunju, 1995). Il-liġi tagħmilha ċara f'liema ċirkostanzi sid il-kera jista' jitlob l-awtorizazzjoni li ma jġeddidx il-kirja jew jitlob li l-kirja tinħall minħabba morożita fil-ħlas tal-kera. Jekk il-Bord kellu jilqa' l-ewwel tlett talbiet a bażi tal-provi li ressqu r-rikorrenti, kien ikun qiegħed jiddikjara li l-inkwilin ġie nterpellat bil-mod li trid il-ligi meta mill-provi hu ċar daqs il-kristall li ma kienx. Għaldaqstant, il-Bord għamel sew li ċaħad l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti.

13. Lanqas mhu sew li r-rikorrenti jinqdew bl-appell biex iressqu provi li faċilment setgħu jressquhom quddiem il-Bord Li Jirregola, u ntiżi biss biex jipprovaw iġibu fix-xejn ir-raġunament tal-Bord Li Jirregola l-Kera. Ir-riċerka għanda ssir qabel tiġi ntavolata l-kawża u mhux wara li tinqata' s-sentenża. Jekk l-appellanti riedu jagħtu prova li l-kirja oriġinali kienet ta' wara l-1 ta' Ġunju, 1995 kellhom kull opportunita' li jagħmlu hekk quddiem il-Bord. Il-proċeduri tal-appell m'għandhomx iservu biex jirrimedjaw għan-negligenza tar-rikorrenti. Dan ma kienx xi każ fejn wara s-sentenza r-rikorrenti skoprew dokumenti li ma kinux jafu bihom. Inoltre, peress li qegħdin fi stadju tal-appell, l-appellat ma kellu l-ebda opportunita li jirribattihom u l-ebda parti m'għandha titqiegħed fi żvantaġġ minħabba l-aġir ta' parti oħra.

14. L-appellanti jikkontendu ukoll li ġialadarba l-Bord kellu dubju dwar punt legali ta' din ix-xorta, il-Bord kien messu uża l-poteri tiegħu sabiex jissolleċita l-produzzjoni tad-dokument, u kien messu wkoll tahom l-opportunità sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan il-punt. Jinvokaw ukoll l-artikolu 732A tal-Kap. 12 u diversi deċiżjonijiet tal-Qrati nostrali.

15. Hu l-obbligu tal-partijiet li jagħmlu l-każ tagħhom u mhuwiex ir-rwol tal-awtorità ġudizzjarja li tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet jew lakuni tal-partijiet. Għalkemm m'hemm xejn li jimpedixxi lill-Bord milli jitlob li ssir il-prova li jidhirlu meħtieġa sabiex ikun f'posizzjoni aħjar li japprezza l-fatti tal-kawża, madankollu mhemm l-ebda obbligu li jirrimedja għan-nuqqas ta' xi parti billi jgħidilha x'għandha tagħmel. Hu għal kollox inaċċettabbli li parti li tkun assistita minn avukat, tipprova jfarfar ir-responsabbilta' billi tgħid li l-Bord kellu jgħidlu x'għandu bżonn.

16. Madankollu kif diġa' ngħad, irrispettivament jekk il-kirja saritx qabel jew wara l-1 ta' Ġunju, 1995, ma kien ser jibdel xejn mill-eżitu finali tal-kawża.

[1] Il-qorti taqbel mal-Bord li qal, *"Jingħad fl-istess ittra li huwa ġie interpellat anki verbalment sabiex iħallas iżda ebda dettalji ta' kif u meta tali allegati interpellazzjoni seħħew ma jingħadx u ma ġiex spjegat lil dan il-Bord"* (l-ittra li l-Bord kien qiegħed jirreferi għaliha hi dik li tinsab a fol. 23).

Fir-rigward tat-teżi tar-rikorrenti li l-kirja kienet ta' wara l-1 ta' Ġunju, 1995, is-sejħa li saret bl-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 2017 ma tistax isservi għal finijiet tal-artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili peress li kull ma ntqal f'dak l-att hu li l-intimat qiegħed jokkupa l-fond bla titolu u ġiet nterpellat sabiex joħroġ minn hemm u jħallas kumpens *"għall-okkupazzjoni illeċita minn Jannar 2014 sal-lum"*.

17. Permezz tal-aħħar aggravju l-appellanti jilmentaw ukoll li, kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, il-Bord ma ta ebda spjegazzjoni għaċ-ċaħda tat-talba sabiex jiddikjara li l-intimat appellat hu debitur fil-konfront tagħhom fl-ammont ta' €11,008 jew ammonti oħra verjuri u sabiex jikkundanna lill-intimat iħallashom l-istess ammont.[2] Jgħidu li abbażi tal-provi prodotti l-Bord kellu jilqa' t-talba ġialadarba ppruvaw li ma tħallsux u tali prova ma ġietx kontestata.

18. Irid jiġi determinat għalhekk, jekk fin-nuqqas tal-akkoljiment tat-talbiet l-oħra, il-Bord setax jilqa' ir-raba' talba tar-rikorrenti għall-ħlas ta' €11,008 jew ammonti verjuri rappreżentanti ħlasijiet tal-kera li ma ġewx onorati mill-intimat u l-ħames talba' sabiex l-intimat jiġi kundannat iħallas l-istess ammont lir-rikorrenti appellanti.

19. Fis-sentenza tal-Bord il-qorti ma jidhirx li semma r-raġuni li wasslu sabiex jiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet.

20. Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jilqa' r-raba' u l-ħames talba sabiex l-intimat jiġi dikjarat debitur tas-sidien fl-ammont ta' €11,008, rappreżentanti ħlasijiet ta' kera u jiġi kundannat iħallas l-istess. Dan speċjalment in vista tal-fatt li: (i) Maurice Borg ikkonferma bil-ġurament ir-rikors promotur fejn hemm spjegat dwar l-arretrati tal-kera, u (ii) dak li ntqal jidher korraborat b'dokumenti (fol. 14 – 22);

21. L-appellat wieġeb għal dan l-aggravju sempliċement billi kkontenda li l-i*statements* bankarji eżebiti mir-rikorrenti mhumiex prova ndiskutibbli tal-ħlasijiet o meno tal-iskadenzi tal-kera effettwati mill-appellant peress li l-ħlas relattiv dejjem setgħa ukoll sar in kontanti jew b' ċekk. Kif diġa ingħad, id-dokumenti eżebiti flimkien max-xhieda ta' Maurice Borg jagħmlu prova sal-grad rikjest mil-liġi. L-intimat kien notifikat bil-proċeduri quddiem il-Bord iżda la deher u lanqas wieġeb. Dan apparti li fit-tweġiba l-appellat qiegħed biss jispekula li setgħu saru pagamenti.

---

[2] Minkejja li l-appellanti jirreferu għal dawn bħala t-tielet u r-raba' talbiet dawn huma effettivament ir-raba' u l-ħames talbiet.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:**

1. **Tiċħad l-aggravji tal-appellanti b'riferenza għall-ewwel tlett talbiet tar-rikors promotur.**
2. **Tilqa' l-aggravju relatat mar-raba' u ħames talba, u tvarja s-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-18 ta' Jannar 2018 billi tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf u tmien ewro (€11,008) arretrati ta' kera għall-perjodu li jissemma fir-rikors promotur, bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**
3. **Għal kumplament tikkonferma s-sentenza tal-Bord, b'dan li l-ispejjeż taż-żewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.